



Kunsill Ewropew

Brussell, 22 ta' Ottubru 2021  
(OR. en)

EUCO 17/21

CO EUR 15  
CONCL 5

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (21 u 22 ta' Ottubru 2021) – Konklużjonijiet

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

---

## **I. COVID-19**

1. Il-kampanji ta' tilqim madwar l-Ewropa wasslu għal progress sinifikanti fil-ġlieda kontra l-COVID-19. Madankollu s-sitwazzjoni f'xi Stati Membri għadha serja ħafna. Sabiex ikompli jiżiedu r-rati tat-tilqim fl-Unjoni kollha, jeħtieġ li jiżiedu l-isforzi biex tingħeleb l-eżitazzjoni għat-tilqim, inkluż billi tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari fuq pjattaformi tal-media soċjali. Huwa meħtieġ li nibqgħu attenti fir-rigward tal-emerġenza u t-tixrid ta' varjanti ġodda possibbli.
2. Fid-dawl tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar koordinazzjoni biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu fl-UE u l-ivvjaġġar lejha, u għal reviżjoni taż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħaffef il-ħidma tagħha rigward ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċertifikati ma' pajjiżi terzi.
3. Abbażi tal-esperjenzi tal-kriżi tal-COVID-19, ir-reżiljenza tal-UE għall-kriżijiet u t-tnejjija orizzontali għalihom iridu jissaħħu. Sabiex jiġi żgurat titjib fil-prevenzjoni ta' emerġenzi tas-saħħa futuri fl-UE, fit-tnejjija u fir-rispons għalihom, il-Kunsill Ewropew jappella għall-konklużjoni tan-negozjati dwar il-pakkett leġiżlattiv dwar l-Unjoni tas-Saħħa u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu involuti b'mod adegwat fil-governanza tal-Awtorità għat-Tnejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA). Huwa jfakkar fil-ħtieġa li tavvanza malajr il-ħidma dwar l-aċċess għall-mediċini fl-Istati Membri kollha.
4. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn bla heda tal-UE li tikkontribwixxi għar-rispons internazzjonali għall-pandemija u li tiżgura aċċess għall-vaċċini għal kulħadd. Huwa jappella għat-tneħħija rapida tal-ostakli li jfixklu l-organizzazzjoni globali tad-distribuzzjoni tal-vaċċini, u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tinvolvi ruħha direttament mal-manifatturi f'dan ir-rigward. Dan ser jippermetti lill-Istati Membri jħaffu t-twassil tal-vaċċini lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. L-UE ser tkompli tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-vaċċini fil-pajjiżi sħab.

5. Fil-kuntest tal-laqgħa li jmiss tal-G20 u fid-dawl tas-sessjoni speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Novembru, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-appoġġ tiegħu għal rwol b'saħħtu u ċentrali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fil-governanza globali futura fil-qasam tas-saħħa u għall-oġettiv li jintlaħaq qbil dwar trattat internazzjonali dwar il-pandemiji.

## **II. SETTUR DIĠITALI**

6. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-għan tal-UE li tiżgura t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa li ser tixpruna t-tkabbir ekonomiku tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività u li ser issaħħaħ is-sovranità diġitali tagħna b'mod awtonomu u miftuħ. Dan kollu ser isaħħaħ ir-reżiljenza tagħna u jiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa għal politiki diġitali inklużivi u sostenibbli, u b'mod partikolari li ssir enfasi fuq il-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali.
7. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-eżami rapidu tal-proposta tal-Kummissjoni għal Deċizzjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika għall-2030 "Perkors għad-Deċennju Diġitali", li jimplementa l-Kumpass Diġitali.
8. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-progress li sar rigward l-aġenda diġitali u fajls leġiżlattivi ewlenin. Huwa jħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jilħqu qbil dwar ir-Regolament dwar ir-Roaming sa tmiem is-sena, u jistedinhom ikomplu jaħdmu fuq il-proposti tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ambizzjuż mill-iktar fis possibbli. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li jsir progress rapidu f'inizjattivi oħra eżistenti u futuri, b'mod partikolari:
  - il-valorizzazzjoni tad-data fl-Ewropa, b'mod partikolari permezz ta' qafas regolatorju komprensiv li jwassal għall-innovazzjoni u jiffaċilita portabbiltà aħjar tad-data, aċċess ġust għad-data u jiżgura l-interoperabbiltà;
  - l-implimentazzjoni tal-miżuri li fadal u li huma meħtieġa biex jiġu stabbiliti spazji speċifiċi tad-data settorjali, kif stabbilit fl-istrateġija Ewropea għad-data ta' Frar 2020, u l-istabbiliment ta' pjan direzzjonali għal dan il-proċess;

- l-istabiliment ta' qafas regolatorju li jiffavorixxi l-innovazzjoni għall-intelliġenza artifiċjali sabiex titħaffef l-adozzjoni ta' din it-teknoloġija kemm mis-settur privat kif ukoll mis-settur pubbliku filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali;
  - l-istabiliment ta' standards komuni għal approċċ koordinat għal qafas għall-Identità Diġitali Ewropea u qbil dwar dan l-approċċ; u
  - il-promozzjoni tal-ħolqien ta' ekosistema Ewropea tal-mikroċipep mill-aktar avvanzata tul il-katina kollha tal-valur, u l-bini ta' aktar reżiljenza, inkluż f'termini ta' materja prima, billi dan huwa kruċjali biex jiġu evitati nuqqasijiet li jxekklu t-trasformazzjoni diġitali tagħna. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-proposta imminente dwar l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep.
9. Il-Kunsill Ewropew indirizza ż-żieda sinifikanti fl-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li għandhom l-għan li jxekklu l-valuri demokratiċi tagħna u s-sigurtà tal-funzjonijiet ewlenin tas-soċjetajiet tagħna. Huwa jtemni l-impenn sod tiegħu favur il-valuri demokratiċi, kemm online kif ukoll offline. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għal ċyberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur u jħeġġeġ lill-pajjiżi madwar id-dinja biex jaderixxu ma' dawn in-normi u jinforzawhom. Huwa jappella biex isir progress fil-ħidma fuq il-proposta għal Direttiva riveduta dwar is-Sigurtà tan-Networks u tas-Sistemi tal-Infommazzjoni, id-Direttiva proposta dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi u s-Sett ta' Għodod taċ-Ċiberdiplomazija. Huwa jisħaq fuq il-ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva u għal tħejjija fid-dawl tat-theddid għaċ-ċibersigurtà. F'dan il-kuntest, huwa jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat aktar il-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà u rispons effiċjenti fil-livell tal-UE għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira, inkluż billi jsiru eżerċizzji u jiġi esplorat il-potenzjal ta' inizjattiva għal Ċiberunità Konġunta. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-azzjoni fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, b'mod partikolari l-attakki b'ransomware, u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, inkluż f'fora multilaterali. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-eżitu tar-rieżami li qed isir tal-Qafas ta' Politika tal-UE dwar iċ-Ċiberdifiża.

10. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-konnettività diġitali, inkluż permezz tal-valutazzjoni tal-fattibbiltà li tkompli tiġi żviluppata konnettività sikura bbażata fl-ispazju. Għandu jiġi żviluppata u promossa mudell Ewropew ta' konnettività ta' fiduċja, ibbażat fuq il-valuri tal-UE, il-fiduċja, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Is-sħubijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma għandhom rwol ċentrali biex javvanzaw l-interessi u l-valuri tagħna fix-xena globali. Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija huwa pass importanti fit-tiżni tal-kooperazzjoni tranżatlantika fil-qasam diġitali.

### **III. PREZZIJET TAL-ENERĠJA**

11. Il-Kunsill Ewropew indirizza ż-żieda qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija u qies l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet fuq iċ-ċittadini u n-negozji, speċjalment iċ-ċittadini vulnerabbli tagħna u l-SMEs, li qed jistinkaw biex jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19.
12. Is-sett ta' għodod ippreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indirizzar tal-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew fih miżuri utli kemm fuq perijodu qasir kif ukoll aktar fit-tul.
13. Il-Kunsill Ewropew jistieden:
  - lill-Kummissjoni tistudja l-funzjonament tas-swieq tal-gass u tal-elettriku, kif ukoll is-suq tal-EU ETS, bl-għajnuna tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). Sussegwentement, il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk ċerta imġiba kummerċjali teħtieġ azzjoni regolatorja ulterjuri;
  - lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti jagħmlu l-aħjar użu mis-sett ta' għodod biex jipprovdu għajnuna għal żmien qasir lill-konsumaturi l-aktar vulnerabbli u biex jappoġġaw lill-kumpaniji Ewropej, filwaqt li jqisu d-diversità u l-ispeċifità tas-sitwazzjonijiet tal-Istati Membri;

- lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jikkunsidraw malajr miżuri fuq perijodu medju u fit-tul li jikkontribwixxu għal enerġija bi prezz li jkun affordabbli għall-familji u għall-kumpaniji, iżidu r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-UE u tas-suq intern tal-enerġija, jipprovdu s-sigurtà tal-provvista u jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li jqisu d-diversità u l-ispeċifità tas-sitwazzjonijiet tal-Istati Membri; u
  - lill-Bank Ewropew tal-Investment biex jeżamina kif jista' jħaffef l-investment fit-tranżizzjoni tal-enerġija, fil-marġni ta' manuvra ta' kapital attwali tiegħu, bil-ħsieb li jitnaqqsu r-riskji ta' tfixkil futuri u jintlaħqu l-ambizzjonijiet ta' konnettività globali tal-Ewropa.
14. Il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill TTE (Enerġija) tas-26 ta' Ottubru 2021 ser tmexxi 'l quddiem din il-ħidma immedjatament. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jissorvelja s-sitwazzjoni u jerġa' lura għaliha f'Diċembru.

#### **IV. MIGRAZZJONI**

15. Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, u sabiex jiġi evitat it-telf ta' ħajjiet u titnaqqas il-pressjoni fuq il-fruntieri Ewropej f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, ġew ippreżentati tmien pjanijiet ta' azzjoni għall-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri skont il-każ, issa għandhom jagħmlu dawk il-pjanijiet operazzjonali u jimplementawhom mingħajr dewmien, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. Il-Kunsill Ewropew jistenna li l-pjanijiet ta' azzjoni jkun sostnuti minn skedi ta' żmien konkreti u appoġġ finanzjarju adegwat; huwa jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Kunsill dwar l-intenzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

16. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tippreżenta proposti u timmobilizza l-finanzjament għal azzjonijiet fuq ir-rotot migratorji kollha f'konformità mal-ambizzjoni akbar tal-UE, u biex tirrapporta regolarment lill-Kunsill f'dan ir-rigward. Għandu jsir l-aħjar użu possibbli ta' mill-inqas 10 % tal-pakkett finanzjarju tal-NDICI, kif ukoll finanzjament taħt strumenti rilevanti oħra, għal azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni.
17. F'konformità mad-dikjarazzjoni tiegħu ta' Marzu 2021 u l-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew itenni l-aspettattiva tiegħu li ser jiġi mobilizzat f'mument xieraq il-finanzjament għar-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu u partijiet oħra tar-reġjun, inkluż l-Eġittu, taħt strumenti rilevanti.
18. Il-Kunsill Ewropew jappella lit-Turkija biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija tal-2016, inkluż rigward ir-Repubblika ta' Ċipru.
19. Il-Kunsill Ewropew mhu ser jaċċetta l-ebda tentattiv minn pajjiżi terzi biex jiġu strumentalizzati l-migranti għal finijiet politiċi. Huwa jikkundanna l-attakki ibridi kollha fil-fruntieri tal-UE u ser jirreaġixxi kif xieraq.
20. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippromovi kwalunkwe bidliet meħtieġa għall-qafas legali tal-UE kif ukoll miżuri konkreti sostnuti b'appoġġ finanzjarju adegwat biex tkun żgurata reazzjoni immedjata u xierqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u mal-obbligi internazzjonali, inkluż id-drittijiet fundamentali.
21. L-UE ser tkompli tiġġieled l-attakk ibridu li għaddej u li tnieda mir-reġim Belarussu, inkluż billi tadotta, b'mod urġenti, aktar miżuri restrittivi kontra persuni u entitajiet legali, f'konformità mal-approċċ gradwali tagħha.
22. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati ritorni effettivi u implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet u arranġamenti ta' riammissjoni, billi jintużaw l-inċentivi meħtieġa.

23. L-UE tibqa' determinata li tiżgura kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tagħha.
24. Għandhom jiġu sostnuti l-isforzi biex jitnaqqsu l-movimenti sekondarji, u biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà fost l-Istati Membri.

## **V. KUMMERĊ**

25. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar il-politika kummerċjali tal-UE.

## **VI. RELAZZJONIJIET ESTERNI**

26. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tnejjiet għas-Summit li ġej tal-ASEM fil-25 u s-26 ta' Novembru 2021. F'dan il-kontest, huwa jappoġġa l-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku u jistieden lill-Kunsill jiżgura l-implimentazzjoni rapida tagħha.
27. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta wkoll it-tnejjiet għas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant, li ser isir fil-15 ta' Diċembru 2021. Ir-relazzjonijiet tal-UE ma' dan ir-reġjun jibqgħu ta' importanza strateġika ewlenija. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Belarussi biex jehlsu lill-priġunieri politiċi kollha.
28. Qabel il-COP 26 fi Glasgow, il-Kunsill Ewropew jappella għal rispons globali ambizzjuż għat-tibdil fil-klima. Huwa essenzjali li l-limitu tat-tiġin globali ta' 1.5°C ikun jista' jintlaħaq. Il-Kunsill Ewropew għalhekk jappella lill-Partijiet kollha biex jippreżentaw, u jimplementaw, miri u politiki nazzjonali ambizzjużi. Huwa jħeġġeġ b'mod partikolari lill-ekonomiji ewlenin li għadhom ma għamlux dan biex jikkomunikaw jew jaġġornaw kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali mtejba u ambizzjużi fil-ħin għall-COP 26 u biex jippreżentaw strateġiji fit-tul biex jintlaħqu emissjonijiet zero netti sal-2050. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikompli jżidu l-finanzjament tagħhom għall-klima. Huwa jappella lil pajjiżi żviluppati oħra biex iżidu b'mod urġenti l-kontribut tagħhom għall-mira kollettiva ta' finanzjament għall-klima ta' USD 100 biljun fis-sena sal-2025.



29. Il-Kunsill Ewropew ħa nota wkoll tat-tnejn għal-laqgħa tal-COP 15 dwar id-diversità bijoloġika f'Kunming. Huwa jappella għal qafas globali tal-biodiversità ambizzjuż għal wara l-2020 sabiex jitwaqqaf u jitreggħa' lura t-telf tal-biodiversità.

\*

\*            \*

*Wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-iżvilupp ta' approċċ ta' sigurtà komuni biex jiġu protetti aħjar il-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-oqsma kollha ta' politika, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u t-trawwim tal-ħajja Lhudija adottata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Ottubru 2021. Il-Forum Internazzjonali ta' Malmö dwar it-Tifkira tal-Olokawst u l-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu fit-13 ta' Ottubru 2021 huwa tfakkira li għandu jsir kull sforz fil-ġlieda kontra kull forma ta' antisemitiżmu, razziżmu u ksenofobija.*